MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 481/2004

**Untours Insurance Agents Limited ghal Qatar Insurance Company surrogata fid-drittijet ta' John Mary Farrugia u l-istess John Mary Farrugia**

**vs**

**Joseph V. Spiteri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Marzu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm535.35) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-3 ta Lulju 2003 fHAttard bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBC 547 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GVN 447 misjuqa mill-konvenut ghall-liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-konvenut ma jichadx ir-exsponsabilita’ ta’ l-incident izda jikkontesta l-quantum tad-danni allegatament sofferti mill-attur.

2. Illi din il-kontestazzjoni giet mgharrfa lis-socjeta’ attrici permezz ta’ ittra datata 25 ta Novembbru 2003 ghall-liema itra l-kopnvenut ma rcieva ebda risposta..

3. Illi l-konvenut, skond kif jesigu r-regolamenti, qatt ma inghata l-opportunita’ li jibghat *surveyor* sabiex jispezjona l-vettura u qatt ma gie mgharraf li l-vettura ttiehdet ghat-tiswija.

4. Illi ghar-ragunijiet li ser jispjega l-konvenut fix-xhieda tieghu, l-ammont ta’ danni allegatament sofferti mill-atturi huwa eccessiv.

Sema’ x-xhieda ta’ Mario Mifsud u ta’ Anthony Mizzi. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsudra:

Illi l-kawza tirrigwarda danni kawzati f’incident stradali li sehh fit-3 ta’ Lulju 2003. Ir-responsabilita’ ghall-incident giet ammessa kif jirrizulta mir-Risposta izda l-konvenut qed jikkontesta l-quantum tad-danni reklamati stante li jirritjeni li l-ammont mitlub mill-atturi huwa eccessiv.

Il-konvenut naqas milli jressaq provi in sostenn ta’ l-eccezzjoni minnu moghtija. L-atturi min-naha l-ohra resqu provi soddisfacenti in sostenn tat-talba taghhom u cioe’ huma esebew is-*Survey Report* u l-ircevuti rigwardanti l-*parts* li kellhom jigu mibdula. Mill-korrispondenza skamnjata bejn il-partjiet qabel ma giet intavolata l-kawza (esebita a fol. 27 sa 33 tal-process) jidher li l-

kontestazzjoni principali kienet tirrigwada l-*bumper* li l-konvenut pretenda li kellu jinghatu lura lilu wara li jigi sostitwit u jallega li dan ma kellux ghalejn jinbidel. Mix-xhieda tas-*surveyor* Anthony Mizzi jirizulta li huwa awtorizza li l-*bumper* jinbidel b'*part* mhux originali ghaliex il-vettura kienet tal-1991 u *part* originali kient tqum ferm aktar. Inoltre jekk wiehed jara s-*Survey Report* jinduna li d-danni kienu kompatibbli mad-dinamika tal-incident de quo u ma jidhirx li huma eccessivi. L-atturi jidher li ssodisfaw l-uniku obbligu taghhom ta' danneggjati li jimminimizzaw id-danni u ma naqsu minn ebda obbligu iehor impost fuqhom mill-ligi kif qed jallega l-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm535.35), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------